Conrad u Charmaine Fenech

Vs

Fair Deal Furniture (Malta) Ltd

CCT 59/23/CC

Illum 11 ta' Lulju 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ippreżentata fis-6 ta' April 2023, fejn ir-rikorrenti talbu ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €1,200 (elf u mitejn ewro) rappreżentanti parti minn somma akbar mhallsa minnhom lis-socjeta intimata, rigwardanti ordni ta' ghamara.

Ra li l-intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ippreżentat l-ebda risposta, u ghalhekk tinsab fi stat ta' kontumacja. Fis-seduti tat-30 ta' Mejju 2023 u ta'l-20 ta' Gunju 2023 deher Arnold Vella in rappreżentanza tas-socjeta ntimata, u bi qbil bejn il-partijiet Arnold Vella iddepona quddiem dan it-Tribunal fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2023.

Ra illi ir-rikorrenti fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2023 irriducew it-talba taghhom ghal ammont ta' €730 (seba' mija u tletin ewro), stante li fil-mori tas-seduta kien hemm skambju bejn il-partijiet u ghalhekk it-talba originali kienet qieghda tigi ridotta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti Charmaine Fenech tixhed bil-gurament fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2023.

Sema' lil Arnold Vella, in rappreżentanza tas-socjeta intimata jixhed bil-gurament fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f'Gunju 2021 ir-rikorrenti ordnaw kcina kompluta bl-appliances minghand is-socjeta intimata, ghal ammont kumplessiv ta' €7,281 (sebat elef, mitejn u wiehed u tmenin ewro). Il-kcina giet installata wara perjodu ta' madwar sena, u gara li meta saret l-installazzjoni, r-rikorrenti sabu diversi difetti fl-ghamara, fosthom xi bibien imqaxxra, u bieba minfuha bl-ilma. Ir-rikorrenti gibdu l-attenzjoni tas-socjeta intimata dwar dan, u mill-provi jirrizulta li kien hemm trapass ta' zmien sakemm ir-rikorrenti hadu risposta mis-socjeta intimata.

Illi fis-seduta ta'l-20 ta' Gunju 2023, r-rikorrenti Charmaine Fenech spjegat lit-Tribunal li in segwitu ghal ewwell seduta mizmuma min dan it-Tribunal, kien hemm kuntatt mis-socjeta intimata u kienu gew rimediati xi nuqqasijiet. F'dan l-istadju, r-rikorrenti kienu qedghin jirriducu t-talba ghal ammont ta' €730 (seba mija u tletin ewro) liema ammont jirraprezenta wall unit li kienet difettuza. Ir-rikorrenti spjegat ukoll li l-bieba tal-magna tal-hasil ma kienetx qaghda giet installata mis-socjeta intimata.

Illi fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2023, bi qbil bejn il-partijiet, xehed Arnold Vella, rapprezentant tas-socjeta intimata li spjega li ma kien hemm l-ebda diffikulta li l-bieba tal-magna tal-hasil tigi installata. Inoltre, huwa spjega wkoll li s-socjeta intimata ma kellha l-ebda problema sabiex tirrimedja l-wall unit li kienet difettuza.

Illi t-Tribunal jinnota li r-rikorrenti ipprezentaw dokumentazzjoni fosthom ircevuti u diversi ritratti ta'l-ghamara li huma xtraw minghand is-socjeta intimata. Il-versjoni tal-fatti tar-rikorrent hija ikkorraborata min tali dokumentazzjoni.

Illi it-Tribunal jirrimarka ulterjorment l-inkonvenjent li l-konsumaturi kellhom jesperjenzaw minhabba t-trapass taz-zmien sakemm huma ircievew risposta minghand is-socjeta intimata, in segwitu li huma resqu l-ilment taghhom.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielhom jipprovaw l-kaz taghhom sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnhom ghal ammont ta' €730 (seba' mija u tletin ewro) ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha tiehu lura l-wall unit galadarba jsir il-hlas tas-somma citata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-

Talba mressqa mir-rikorrenti, u jordna lil l-intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €730 (seba' mija u tletin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimata.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru